C/2024/5915

30.9.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11622 – GP VERKEHRSWEGEBAU / EUROVIA / HANSE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5915)

1. Fit-23 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— GP Verkehrswegebau GmbH ("GP Verkehrswegebau", il-Ġermanja), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Günter Papenburg AG,

— EUROVIA Industrie GmbH ("Eurovia", il-Ġermanja), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Vinci S.A.,

— HANSE Asphaltmischwerke GmbH ("HANSE", il-Ġermanja), li bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn GP Verkehrswegebau, Eurovia u AS Bau GmbH.

GP Verkehrswegebau u Eurovia jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' HANSE.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— GP Verkehrswegebau hija attiva fl-oqsma kollha tal-bini, tal-kostruzzjoni ċivili u tat-toroq, inklużi s-servizzi ta' servizzjar, ta' ppjanar u ta' inġinerija fil-qasam tal-kostruzzjoni fil-Ġermanja.

— Eurovia hija attiva fl-industrija tal-kostruzzjoni u tal-materjal tal-bini fil-Ġermanja,

— HANSE topera sitt impjanti għat-taħlit tal-asfalt fil-Grigal tal-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11622 – GP VERKEHRSWEGEBAU / EUROVIA / HANSE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË